**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 07/12(02_07_12).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-28 ta' Ġunju 2012.

1. Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.
2. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
3. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
4. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
5. Rapport tas-Sindku.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
8. Materji oħra.

**1.00 Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.**

1.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti din it-*tender*, fejn kienu erba' Kuntratturi li xeħtu l-offerta tagħhom bl-oħros waħda titla' għal €98,107.23. Peress li l-fond ta' Eco-Gozo ma jistax jeċċedi €70,000, il-Kunsill irid li jikkombina din it-*tender* ma' xi *funding* ieħor. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħarġet sejħa mir-Rural Development Programme Measure 413.4 – Quality of Life: Landscaping. Il-fond huwa massimu ta' €50,000 u l-Kunsill irid iħallas l-20% tal-proġett permezz tal-*Co-Financing* u l-VAT. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal dan il-fond.

1.02 Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u nippreżentaw din l-Aġenda:

- Proġett tal-Pjazza tal-Knisja.
- Toroq PPP.
- Tindif tal-Wied tax-Xlendi.
- *Embellishment* tax-Xlendi.

**2.00 Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.**

2.01 Ix-xogħol ta' pavimentar tal-passaġġ tal-Kantra huwa diġa' lest u l-pavimentar tal-passaġġ f' Tal-Ponta ser isir fil-bidu ta' Settembru peress li sid ta' għelieqi qed jitlob li l-mogħdija għall-għelieqi tiegħu ma tingħalaqx għax qed jagħmel xi xogħlijiet fil-bini tal-ħitan tas-sejjieħ u jkun lest fl-aħħar t' Awwissu 2012.

**3.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

3.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadhom kemm tranġaw il-ħadid tal-*culverts* ta' Triq San Xmun għax kienu jħabbtu kull x' ħin jgħaddi t-traffiku. Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-Proġett ta' Eco-Gozo fil-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun, Ix-Xlendi.

3.02 Il-ħaddiema tal-Works Division qed jirranġaw il-*Kiosk* tal-*Parking* tax-Xlendi li kienet tintuża mill-MTA sabiex issir *Bus Shelter*.

3.03 Fix-Xlendi nżabar il-Palm u twaħħlu *railings* ġodda fejn dawn saru mill-Beach Cleaners. Fil-Munxar qed isir *patching* u qtugħ ta' ħaxix fi Triq ix-Xatba.

**4.00 Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku taw rendikont dwar l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li saret fil-25 ta' Ġunju 2012.
Il-Kumitat Amministrattiv kien kiteb lill-HSBC Bank Malta plc fejn informah li s-somma ta' €2,350 fis-sena sabiex tinkera l-*Kiosk* tax-Xlendi hija baxxa wisq. L-aħħar offerta tal-Bank telgħet għal €2,500. Il-Kumitat qabel li jekk ma tiġix aċċettata din l-offerta s-servizz ta' ATM mix-Xlendi jista' jitneħħa.
Il-Kunsill qed jara li l-ammont li qed joffru l-HSBC Bank Malta plc huwa baxx u ma huwiex sew li l-*Expression of Interest* inħarġet għal servizzi finanzjarji biss. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitlob kjarifikazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-artiklu 47A tal-Kap 363 'kull deċiżjoni dwar l-użu ta' dawn il-fondi għandha tiġi attwata wara ratifika mill-Kunsill Lokali tal-Lokalita'.

Il-ħin kien is-6.45 ta' filgħaxija u l-Kunsillier is-Sur Saviour Spiteri talab sabiex jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**5.00 Rapport tas-Sindku.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-Pjazza tal-Munxar hemm approvat *Bus Shelter*. Il-Kumpanija Faces Consultants Ltd. li tieħu ħsieb tinstalla dawn il-*Bus Shelters* ilmentaw li l-permess ma huwiex ċar. Wara li saru l-kjarifikazzjoni neċessarji, din il-*Bus Shelter* issa ser titwaħħal.

5.02 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw kuntratt mal-MEPA dwar fond ta' €137,000 tal-UIF. B' dan ser isir il-proġett ta' tisbiħ ta' Triq il-Kantra fix-Xlendi. Dwar Ix-Xlendi, s-Sindku ltaqa' ma' Uffiċjali tal-MEPA sabiex jiċċekkjaw dwar rapport li nqalgħu xi siġar mill-*Parking* tax-Xlendi li fil-fatt dan ir-rapport ma kienx minnu.

5.03 Is-Sindku ġie kkuntatjat mill-Uffiċjal Inkarigat minn Transport Malta fejn informah li wara li saret il-proposta sabiex isiru *bus-stops* għar-rotta ta' l-Arriva għax-Xlendi, ġie deċiż li jsiru tlieta, waħda fi Triq ta' Marżiena, oħra fi Triq San Pawl u oħra fi Triq il-Qsajjem.

5.04 Is-Sindku attenda għall-*Open Day* li saret mill-MEUSAC sabiex jiġi spjegat dwar is-servizzi li qed offru lill-Kunsilli Lokali. Attenda wkoll għal-laqgħa organizzata mit-Transport Malta dwar is-*Safety* fit-Toroq, attenda l-laqgħa mal-*Paying Office* dwar Miżuri 323 u 313, laqgħa ma' Rappreżentant tal-Green MT u laqgħa mal-Pulizija fejn talab li l-Għassa tax-Xlendi tkun miftuħa 24 siegħa u li d-dgħajjes fil-*Parking* tax-Xlendi jitneħħew.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-ittra li ċ-*Chairperson* tax-Xlendi Tower Management Committee bagħat lill-membri ta' dan il-Kumitat. Huwa qed jitlob li ssir laqgħa straordinarja fejn fuq l-Aġenda ser ikun hemm aċċettazzjoni ta' prinċipji li kull ma jsir u jingħad fil-laqgħa jkun kunfidenzjali sakemm ma jkunx hemm qbil mill-Kumitat li dik il-materja tista' tiġi kkomunikata lill-terzi persuni, li l-Kumitat huwa awtonomu minn Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali u lanqas ma huwa xi Sotto-Kumitat u li l-Kumitat ma huwiex marbut li jimxi skont ir-regolamenti ta' la Din l-Art Ħelwa u lanqas tal-Kunsill Lokali u l-Kumitat ikollu s-saħħa li jiddeċiedi xi proċeduri jittieħdu. Iċ-*Chairperson* qed ukoll jirrakkomanda li l-offerta għas-servizz ta' Perit terġa' toħroġ mill-ġdid peress li kien hemm xi deċiżjonijiet u diskussjonijiet li ġew mgħoddija lill-persuni li ma humiex membri tal-Kumitat qabel ma dawn ġew ratifikati mill-Kumitat.
Kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekutttiv qablu li dawn il-kundizzjonijiet ma humiex aċċettabbli għall-Kunsill għax ħafna minnhom imorru kontra l-ftehim li ġie ffirmat fit-23 t' Ottubru 2010 bejn Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar. Għaldaqstant ġie deċiż li tintalab laqgħa mal-President u Segretarju ta' Din l-Art Ħelwa sabiex tiġi diskussa din l-ittra taċ-*Chairperson*. Iċ-*Chairperson* ser jiġi mistieden għal din il-laqgħa sabiex jiċċara l-punti mqajjma fl-ittra tiegħu peress li huwa ma kkonsultax mar-Rappreżentanti tal-Kunsill.

6.02 Il-Malta Standards Authority talbet lill-Kunsill sabiex tiġi stallata *gate* li tifred il-*Playhouse* mill-*Gazebo* fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Il-Kunsill ġabar stima għal *self closing gate* mingħand JGC Ltd. Din il-*gate* tiswa €775 u s-*strait bow top fencing* tiswa €125/lm. VAT huwa inkluż u *supply* biss. Kien hemm qbil li din tinxtara.

**7.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

7.01 Is-Sur Ryan Debrincat talab lill-Kunsill sabiex Triq tal-Bardan tinkesa bil-*concrete* u l-ħitan tal-ġnub jinbnew. Is-Sindku kien ser ikellem lit-Taqsima tas-CMU sabiex jipprovdi l-*concrete* u jsir bil-ħaddiema ta' l-IPSL filwaqt li l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ isir mill-ħaddiema tat-Taqsima tas-CMU.
Bankina li qiegħda fil-Pjazza tal-Knisja quddiem id-dar 'Omm tal-Ħniena' għandha gandott li hemm bżonn li jintela. Bankina oħra fi Triq Damasku quddiem id-dar 'Lorjane' għandha bżonn ftit kisi. Fit-Triq ta' Wied il-Għarab hemm bir fit-triq li huwa perikoluż u hemm bżonn li jinbena ċint sabiex jaqta' l-aċċess għal dan il-bir. Hemm ukoll ħajt li waqa' sabiex jinbena. Il-Kunsill kien ser jitlob lit-Taqsima tas-CMU sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet u għaldaqstant is-Sur Ryan Debrincat intalab sabiex jieħu r-ritratti.
Is-Sur Ryan Debrincat talab sabiex isiru żewġ tabelli 'Attention Playing Field Exit' sabiex jitwaħħlu viċin il-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Huwa fakkar dwar dik it-tabella ta' 'No Entry' li kien talab fl-laqgħa preċidenti u li kellha ssir fil-Wied tax-Xlendi.

7.02 Is-Sur Robert Mallia rrefera għal dik it-talba li saret sabiex ħajt ta' taħt Triq Ras il-Bajjada jinbena għaliex perikoluż u s-Sid ta' l-għalqa kien talab li jinbena aktar minn sena ilu. Din it-talba kienet saret lid-Direttur Proġetti u Żvilupp u issa ser issir lit-Taqsima tas-CMU.

7.03 Is-Sinjura Carmen Said issuġġerit li fil-passaġġ tal-Kantra, dak li għadu kemm ġie miksi bil-pavimentar, isiru tabelli sabiex is-sidien ta' *pets* jiġbru l-ħmieġ li jħallu l-*pets* tagħhom u dan kif titlob il-liġi. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ser jinstalla *bin* għall-ħmieġ tal-*pets*.
Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-*Parking* tax-Xlendi hemm diversi imbarazz li hemm bżonn li jitnaddaf u hemm bżonn li l-ġnub ta' Triq il-Kantra jitnaddfu wkoll. Hija semmiet il-bżonn li r-*road humps* li tqaxxru, issa jinksew bit-tarmak. Is-Sindku kien diġa' kellem lill-Kuntrattur dwar dan.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.50 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju 2012, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***